MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 302/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Guccio Gucci S.p.A., socjeta` estera ta' nazzjonalita` Taljana, bis-*sede* legali taghha li tinsab fi Via Tornabuoni 73/r, Firenze, l-Italja.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b' digriet tas-6 ta' Mejju 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil C.M.C P/C M.B.M.T, b'indirizz ta' "Avenue Hedi Nouira, Tunis –Rades" fit-Tunezija.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' **Guccio Gucci S.p.A**, socjeta' estera ta' nazzjonalita' Taljana, bis-sede legali taghha li tinsab fi Via Tornabuoni 73/r, Firenze, l-Italja datat 30 ta' Marzu 2010 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' nuccalijiet tax-xemx, nuccalijiet tal-vista u arloggi tal-idejn, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess.

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni man-negozju taghha u mat--*trademarks* taghha relattivi ghall-istess.

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati f'isimha minn diversi snin, it-*trademark* ta' Malta bin-numru ta' registrazzjoni 37175 - "GUCCI" (kelma) dwar arloggi tal-idejn fost ohrajn, kif ukoll it-*trademarks* Komunitarji bin-numri ta' registrazzjoni 000121988 – "GUCCI" (kelma) u 004107546 – "GUCCI" (figurattiva) *inter alia* dwar arloggi tal-idejn, nuccalijiet tax-xemx, nuccalijiet tal-vista u materjal stampat, *oltre* ghat-*trademarks* Komunitarji bin-numri ta' registrazzjoni 000121947 -"Gucci" (figurattiva), 004423208 - "G" (figurattiva) u 004517827 "GG" (figurattiva) *inter alia* dwar nuccalijiet tax-xemx.

Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003** *concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights* u tal-**Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-**

**Ligijiet ta' Malta**), biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 10, 2 1. (a), 16** u **17 tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003 u fl-artikoli 4, 2 (1) (a) u 8(1) tal-Kap. 414.**

Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1 1. tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003 u fl-artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 8036500 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'nuccalijiet tax-xemx (u materjal ta' ittikkettjar relattiv), nuccalijiet tal-vista kif ukoll arloggi tal-idejn, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "GUCCI" u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali.

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejbiet matul l-ewwel nofs ta' Marzu 2010 u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni tal-oggetti in kwistjoni, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali *stante* li falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta' dokument relattiv ghall-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*CONSIGNEE* hemm indikata l-entita' estera konvenuta C.M.C P/C M.B.M.T b'indirizz ta' "Avenue Hedi Nouira, Tunis -Rades" fit-Tunezija, u fejn il-merkanzija kienet giet ufficjalment dikjarata bhala "*ARTICLE DIVERSE (MOBILE ACCESSORIES)*".

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika bhala b'kollox 600 par nuccalijiet tax-xemx (*oltre* ghall-materjal ta' ittikkettjar relattiv), 920 par nuccalijiet tal-vista kif ukoll 3,360 arlogg tal-idejn, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *stante* li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-

**artikoli 10** u **14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kapitlu 416 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta), tal-Artikolu 9 1. (a) u (b) tal-Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community Trade Mark, u tar-regolament numru 9 tal-Avviz Legali 233 tal-2003.**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sal-5 ta’ April 2010 sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’nuccalijiet tax-xemx (u materjal ta’ ittikkettjar relattiv), pari nuccalijiet tal-vista kif ukoll arloggi tal-idejn, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* “GUCCI” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* ECMU 8036500 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li huma falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez ’l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-kontegg tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok. “L” kif jidhru minn fol. 7 sa fol. 57 tal-process.

Rat id-digriet datat 6 ta’ Mejju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti biex tinstema’ fis-seduta tal-17 ta’ Gunju 2010, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Anthony Cutajar et bhala kuratur deputat datata 27 ta’ Mejju 2010 a fol 76 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rappresentata u f’ dan ir-rigward minnissa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mexx ta’ kominikazzjoni mas-socjeta` intimata, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra *oltre* dik diga` provduta fir-rikors guramentat.

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi a fol 76 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-17 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li pprezenta nota u Dr. Anthony Cutajar bhala kuratur li pprezenta nota b’ dokument u z-zewg difensuri rrimettew ruhhom ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici hija detentrici tal-markju “GUCCI” (kelma) dwar arloggi tal-idejn fost ohrajn, kif ukoll it-*trademarks* Komunitarji bin-numri ta’ registrazzjoni 000121988 – “GUCCI” (kelma) u 004107546 – “GUCCI” (figurattiva) *inter alia* dwar arloggi tal-idejn, nuccalijiet tax-xemx, nuccalijiet tal-vista u materjal stampat, *oltre* ghat-*trademarks* Komunitarji bin-numri ta’ registrazzjoni 000121947 -“Gucci” (figurattiva), 004423208 - “G” (figurattiva) u 004517827 “GG” (figurattiva) *inter alia* dwar nuccalijiet tax-xemx, u dan kif jirrizulta minn Dok “C” u “D” annessi mar-rikors guramentat.

Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003 u fl-artikoli 4, 2 (1) (a) u 8 (1) tal-Kap. 414.**

Illi recentement, waqt skrutinji f’sitwazzjoni msemmija fl-**artikolu 1 1. tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003 u fl-artikolu 4 tal-Kap. 414**, il-Kontrollur tad-Dwana fit-12 ta’ Frar 2010 (Dok “I”) kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* ECMU 8036500 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti b’kollox f’600 par nuccalijiet tax-xemx (*oltre* ghall-materjal ta’ ittikettjar relattiv), 920 par nuccalijiet tal-vista kif ukoll 3,360 arlogg tal-idejn, fuq suspett li l-istess jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li l-istess oggetti kienu falsifikati bil-marka “GUCCI” u waslu fil-port hieles ta’ Malta (*Malta*

*Freeport*) waqt il-kors ta’ procedura ta’ trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-kKontrollur tad-Dwana indika b’kollox f’600 par nuccalijiet tax-xemx (*oltre* ghall-materjal ta’ ittikettjar relattiv), 920 par nuccalijiet tal-vista kif ukoll 3,360 arlogg tal-idejn, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li oggetti falsifikati, u jidher li l-istess oggetti kienu destinati ghall-entita` intimata u fil-fatt gie ppruvat mir-rapport datat 31 ta’ Marzu 2010 (Dok. “LS02”) li l-istess oggetti kienu effettivament foloz u li kienu destinati ghall-entita’/socjeta’ intimata (Dok. “H”) u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u salv li din il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, tilqa’ it-talbiet attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u **filwaqt li tastjeni milli tiehu**

**konjizzjoni tat-tietet talba, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz**, b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti b’kollox f’600 par nuccalijiet tax-xemx (*oltre* ghall-materjal ta’ ittikettjar relattiv), 920 par nuccalijiet tal-vista kif ukoll 3,360 arlogg tal-idejn f’nuccalijiet tax-xemx (u materjal ta’ ittikkettjar relattiv), li kollha ghandhom fuqhom *it-trademark* “GUCCI” u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* ECMU 8036500 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici *stante* li huma falsifikati.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawl l-oggetti hawn indikati f’din is-sentenza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghax ma hemmx bzonnha.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez ’l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talb attrici, nkluzi dawk tal-kontegg tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------